


# Intietef fuq l-Istorja ta' Ħal Kirkop

miġbura minn Pawlu Azzopardi

## Nota Editorjali

Artiklu bbażat fuq il-kotba li ppubblika fl-aħħar snin il-Prof. Horatio C.R. Vella dwar Ħal Kirkop u madwaru. F'raħal fejn l-informazzjoni storiku hija pjuttost skarsa, wieħed tassew jiġbed nifs ta' sodisfazzjon 'il ġewwa, meta jara minjiera ta' informazzjoni ħierġa li tagħti ħjiel kemm mill-bidu tar-raħal u t-twaqqif tal-Parroċċa u tkompli sa żminijiet aktar qribna. Artiklu msejjes fuq l-istorja aktarx reliġjuża daqs kemm soċjali, f'raħal li dawn it-tnejn dejjem imxew id f'id, bħalma nissoponi li dejjem ġara f'raħal tipiku Malti.

Dan l-appuntament magħkom ta' kull sena, ikolli ngħid li sal-lum indunajtu li jien inħobb l-istorja ta' raħal twelidi, għax kif jgħid il-kbir Ċiċerun: *Nescire quid ante quam natus sis acciderit, id est esse simper puerum. Li ma tafx xi jkun ġara qabel ma inti twelidt, ifisser li tibqa' dejjem tifel.*

Dawn l-intietef, għax hekk ħsibt li nsejħilhom huma meħudin miż-żewġ volumi li ħareġ il-Professur Horatio C.R. Vella, Professur tal-Latin u tal-Grieg, fl-Università ta' Malta taħt l-isem ta' ***Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru***. Jiena kieku xtaqt bħal ma qal tajjeb is-Sur Mario Salerno, is-Sindku ta' Ħal Kirkop, fid-daħla tat-tieni volum, li kull familja tikseb u żżomm dawn il-volumi fil-librerija tad-dar, iżda niddubita kemm hawn fostna li akkwistaw kopja u qrawha. Ħassejt li nislet siltiet varji minn dawn iż-żewġ volumi. Dawn mhux ser ikunu b'xi ordni partikolari iżda naħseb li huma ta' nteress għal dawk li jħobbu l-istorja, u forsi jqanqlu lil xi whud jakkwistaw kopja u jsiru jafu aktar dwar dak li sawwarna f'raħal, imsejjaħ Ħal Kirkop. Ħsibt li jkun aħjar jekk inħalli barra r-referenzi (li huma parti mir-riċerka li l-bravu Professur H.C.R. Vella b'abbiltà kbira niseġ, u l-awturi l-oħra kollha, esperti fis-suġġett tagħhom) u nagħmilha aktar faċli għal dak li jinteressa ruħu, u min ikun irid jidħol aktar fid-dettal għandu jirreferi għall-oriġinal, kif diġà aċċennajt.

## L-ewwel Kappillan tal-Parroċċa

L-ewwel Kappillan ta' Ħal Kirkop, Dun Karlu Taliana, twieled f'Ħal Luqa madwar is-sena 1563. Sar qassis fis-6 ta' April 1585, u serva għal xi żmien bħala Viċi fil-Parroċċa taż-Żejtun. Mill-ewwel reġistru tal-Knisja ta' Ħal Kirkop jidher ċar li kien diġà rettur ta' Ħal Kirkop qabel ma sar parroċċa fid-29 ta' Mejju 1592. Dik id-data tat lil Dun Karlu Taliana mandat sabiex ikun Kappillan ta' Arċi-Parroċċa li tiġbor fiha li Ħal Kirkop bħala s-Sede, bil-Knisja Parrokkjali u lil Ħal Safi u lill-Imqabba. Minħabba arranġamenti ġodda li għamel l-Isqof Gargallo sena wara, Dun Karlu Taliana kompla jamministra s-sagramenti kemm minn Ħal Kirkop u kemm minn Bir Miftuħ sal-1597 meta Ħal Safi u l-Imqabba nqatgħu minn Ħal Kirkop. Dun Karlu Taliana, minkejja li lanqas biss ma kellu dar fejn joqgħod, bena knisja ġdida flok dik li tinsab deskritta fir-rapport ta' Mons Dusina tal-1575. Huwa ma mietx bħala Kappillan ta' Ħal Kirkop, għaliex ismu ma jidhirx fl-ewwel reġistru li għandha l-parroċċa ta' Ħal Kirkop, imma x'imkien ieħor, wara l-1629, meta floku laħaq Dun Xandru Bellia. Fil-knisja tal-Lunzjata f'Ħal Kirkop, sal-1634, kien hemm kwadru ta' Dun Karlu Taliana li sfortunatament, intilef mal-medda taż-żmien.

## Koppi li mexxa t-truppi kontra l-Franċiżi

Ġwanni Cassar, bin Salvu u Roża, twieled f'Ħal Kirkop fl-1745, meta Kappillan kien Dun Lawrenz Caruana. Peress li r-reġistru ta' dak iż-żmien f'Ħal Kirkop hu mitluf, almenu nafu b'ħu Ġwanni, li kien Mikiel Anġlu u li twieled f'Ħal Kirkop fit-3 ta' Jannar, 1753, u tgħammed l-għada fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Ġwanni Cassar iżżewweġ lil Anna Saliba, bint Franġisku u Katerina, fid-19 ta' Ottubru 1766 meta l-Kappillan kien Dun Duminku Camilleri. Fi żmien il-ħakma Franċiża f'Malta, Ġwanni Cassar kien jirrappreżenta lil Ħal Kirkop fil-Muniċipalità taż-Żurrieq, flimkien ma' rappreżentanti mill-Gudja u minn Ħal Safi, u fi żmien l-imblokk tal-Maltin kontra l-Franċiżi, Ġwanni Cassar kien Kap ta' Battaljun

kontra l-istess Franċiżi li ftit qabel kienu ħatruh. Fl-1809 huwa ħalla legat biex xi djar fi Triq San Filippu, Vittoriosa, jgħaddu għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Huwa miet fil-21 ta' April 1827, fl-età 82 sena, meta Kappillan kien Dun Salv Cassar.

## Inwkiet fuq mogħdija

F'Diċembru tas-sena 1498, inqala' inċident żgħir li jixħet dawl fuq il-ħajja ta' nies ir-raħal minsuġa madwar l-egħlieqi tagħhom. Ġakbu Cassar, imlaqqam Staynu, talab lill-ġurati tal-Imdina biex joħorġu projbizzjoni lil Kola Hellul, imlaqqam Bruri, u lil ħuh biex ma joqogħdux jgħaddu iżjed mill-isqaq tal-Knisja ta' Sant'Anastasja f'Raħal Perkopu għall-għalqa tagħhom li kienet tmiss mal-istess knisja min-naħa tat-tramuntana. Din kienet tilwima żgħira li ta' spiss niltaqgħu ma' oħrajn bħalha f'komunitajiet agrikoli oħra. Bilfors li Staynu kellu ċerti drittijiet fuq l-isqaq, li ma setax kien mogħdija pubblika. Fil-fatt, il-ġurati qatgħuha favurih permezz tal-imħallef tagħhom Marku Debrincat.

## Kappillan quddiem l-inwiżitur minħabba tilwima

Drawwa ħelwa li nafu li kienet tiġri kemm f'Ħal Safi u kif ukoll f'Ħal Kirkop hi dik li l-funeral kien jitmexxa mill-Kappillan assistit minn membri oħra tal-kleru. In-numru ta' dawn kien ivarja skont ix-xewqa li jkun ordna t-testatur. Imma minħabba din id-drawwa, Kappillan, Dun Mattew Stafragi, malajr kien ser jispiċċa fl-inkwiet. It-tilwima nqalgħet fuq il-funeral ta' Mattew Cassar. F'Settembru tal-1661, il-Kappillan irrabja mhux ftit mal-Viċi-Kappillan, is-saċerdot Dun Ġwann Marija Cassar, li kien iddeċieda li jmur il-Belt minflok jassistih fil-funeral tal-mejjet. Dun Cassar ma qagħadx b'subgħajh f'ħalqu. Fil-preżenza ta' xi nies, dan tal-aħħar irrisponda lura u fost oħrajn widdbu li aħjar joqgħod kwiet għax kien ser jirrappurtah lill-Inkwiżitur fuq xi kliem li tenna waqt xi omelija li kien ippriedka xi sentejn qabel. Dun Ġwann tenna li s-suġġett fixkel xi nies, fosthom li Mastru Lazzru. Għal din ir-reazzjoni, il-Kappillan inkwieta mhux ftit, u xejn aktar lin-nies tar-raħal Minkejja dan kollu, il-Kappillan ħa l-inizjattiva u telaq lejn il-Birgu sabiex jagħmel udjenza mal-Inkwiżitur. Dan widdbu u bagħtu lura bil-kwiet. Naħseb li l-Koppin serrħu rashom meta raw li l-Kappillan reġa' lura r-raħal. Min jaf kif kienu jmorru flimkien Dun Cassar u Dun Stafragi wara din l-esperjenza?

## Il-Kappella ta' San Ġakbu, aktar tard *Ċimiterju tal-Pesta*

Il-Kappella ta' San Ġakbu kienet teżisti żgur sal-1634, meta l-Kanonku Pietru Franġisku Pontremoli, Vigarju ta' Malta *sede vacante*, ġie mitlub min-nies li kienu jieħdu ħsiebha sabiex jipprofanaha, minħabba l-biża' li, hekk kif kienet fid-diżabitat, setgħet tintuża għall-iskandli, bħas-serq. Anke sal-1636 kienet għadha teżisti, peress li l-Isqof Balaguer jirreferi għaliha, kif ukoll sal-1646. Din il-kappella kienet tinsab fl-inħawi kif sejjer niddeskrivi: fuq il-Punent ta' Ħal Kirkop tgħaddi triq li minn Ħal Safi u Ħal Kirkop twassal għat-triq prinċipali li mill-Belt tagħti għaż-Żurrieq. Fuq ix-xellug ta' din it-triq, li qabel kien jisimha għal *San Ġużepp*, jekk mhux ukoll għal *San Ġakbu* fi żmien ieħor, hemm arkata xejn ikkurata, li ħafna mir-raħal isibuha bħala *ċ-ċimiterju tal-pesta*. Din l-arkata nnifisha kienet arkata proprju għaliex minn taħtha wieħed kien jgħaddi bil-pass tul passaġġ ta' ftit metri, wiesa' bejn ħames u sitt piedi, li llum għadu jeżisti, sakemm tiġi f'ġo fetħa kwadrata (għalqa abbandunata). (Tajjeb li wieħed jgħid li minn żmien il-kitba ta' dan l-artiklu, għaddew għaxar snin u bi pjaċir din l-arkata li kienet fi stat li taqa' ġiet rinnovata mill-Fondazzjoni tal-skejjel t'għada, fuq insistenza tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop). Fl-ewwel parti kien hemm ċimiterju twil ħafna, oriġinarjament mhux tal-pesta, u fil-parti tax-xellug fuq ġewwa kien hemm il-kappella ta' San Ġakbu, li bħal xi kappelli oħra, ukoll kienet isservi bħala post għad-dfin. Din il-kappella kellha l-bieb tagħha jħares lejn il-Punent u jiftaħ fuq l-istess ċimiterju, almenu parti minnu, li l-biċċa tiegħu kien fuq il-ġenb tal-lemin tiegħu.

Hekk baqgħet teżisti din il-kappella, sa almenu



**Arkata għall-kappella ta' San Ġakbu qabel ma ġiet irrestawrata.**

l-1658 meta għamlilha żjara l-Isqof Balaguer. Wara din id-data, skont il-viżta pastorali tal-Kanonku Duminku Attard, Vigarju *(sede vacante)* tal-1666, insibu li kemm l-artal ta San Ġakbu u kemm ix-xbiha ta' San Bartilmew, li kienu jeżistu qabel fil-kappella ta' San Ġakbu, issa kienu jinsabu fil-Knisja Parrokkali, naturalment, wara li dik il-kappella kienet ġiet inwaqqa'.

Illum, għajr xi ġebla skultura, ma hemm xejn, ħlief siġra kbira tal-ħarrub. Iżda l-qisien kwadrati, u l-passaġġ għadhom hemm, fl-għalqa tal-Familja Ellul magħrufin bħala *ta' Ġan Pawl* li mhux biss daħħluni hemm, imma wkoll tennewli dak li n-nanniet tagħhom kienu jgħidulhom dwar fejn kien iċ–ċimiterju u fejn eżatt kienet il-kappella. Meta din il-kappella ġiet imwaqqa', il-ġebel ġie trasportat sal-qalba tar-raħal, eżatt ħdejn il-Knisja Parrokkjali, sabiex bih titkabbar l-istess knisja, li kienet saret żgħira: hekk kif kien ġie suġġerit li jsir lill-Kanonku Pontremoli.

Imbagħad, meta faqqgħet il-pesta fl-1676, il-ftit mejtin li mietu kienu jidfnuhom fiċ-*ċimiterju ta' San Ġakbu*. Minn dak iż-żmien 'l hawn, għal iktar minn tliet minn sena, il-lokal baqa' jiġi riferut bħala ċ-*ċimiterju tal-pesta*. Kien biss bis-saħħa ta' dan l-ewwel reġistru u bil-konferma tal-familja Ellul, residenti hemm li issa nafu eżatt fejn kienet din il-Kappella u ċ-Ċimiterju ta' San Ġakbu.



**Franġisku Cassar – Pittura ta' Lazzru Pisani fil-Kappella tal-Lunzjata.**

## Franġisku Cassar - Benefattur b'qalb kbira

Franġisku Cassar, imlaqqam *ta' Qantarun* ġie maħtur bħala prokuratur tal-Vjatku. Dan ir-raġel rabat ismu mar-raħal minħabba li fis-snin ta' wara ħallas għad-Damask tal-Knisja. M'hemmx dubju li f'nofs is-seklu dsatax Cassar kien ġà afferma ruħu sew fl-istrutturi ta' Ħal Kirkop, tant li maġenb ismu, f'din il-viżta pastorali kien mogħti t-titlu ta' *Dominus*. Dan kien titlu użat biss ma' persuni benestanti.